MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 1514/1993/1

**Ivan Bartoli bhala direttur ta' ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Louis Bartoli and Sons Limited u Lino Attard ghan-nom u in rapprezentanza tad-ditta The Clock Studio**

**v.**

**1. John Ripard ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Ltd sew proprio, kif ukoll bhala agenta ghan-nom tan-Norasia Lines u b'nota tat-8 ta' Frar 1994 Paul Ripard assuma l-atti tal-kawza minflok John Ripard u**

**2. Carmelo Galea u Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza ta' Valletta Freight Services Ltd sew proprio kif ukoll bhala agenta ghan-nom tal-United Arab Shipping Company.**

**Il-Qorti:**

Dan hu provvediment fuq zewg rikorsi prezentati t-tnejn mis-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Limited datati 26 ta' Marzu 2012 fejn fl-ewwel wiehed issostni li la darba hija ma hijiex agent tal-linja maghrufa bhala Norasia Lines ghandhom jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-istess linja Norasia Lines ghaliex altrimenti ma jkun hemm hadd sabiex jirrapprezentaha f'dawn l-atti.

It-tieni rikors tas-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Limited jippremetti li s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited hija indikata f'din il-kawza bhala wahda mill-konvenuti sew proprju kif ukoll bhala agent ta' Norasia Lines. Peress li din kienet bidlet isimha ghal N.A. (Malta) Ltd, u fl-2002 giet amalgamata mas-socjeta` rikorrenti JRS, u allura ma` baqghetx tirraprezenta lil Norasia Lines, (anke ghaliex din tal-ahhar sa mis-sena 2001 ma baqghetx tahdem b'mod indipendenti tant li nxtrat mil-linja CSAV) ghalhekk qed titlob li dan jigi rifless fl-okkju fis-sens li jinghad li John Ripard & Son (Shipping) Limited tigi indikata bhala s-successur ta' Norasia Agencies (Malta) Limited li fil-frattemp bidlet isimha ghal N.A. (Malta) Ltd fil-veste taghha proprio, u jigi ndikat li s-socjeta` John Ripard & Son Limited ma ghadhiex agent ta' Norasia Lines kollox kif indikat fl-istess rikors.

Dwar it-tieni rikors din il-Qorti thoss li tali talba kif proposta ma tistax tigi milqugha ghaliex dak li gara kien biss li s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited bidlet isimha ghal N.A. (Malta) Ltd, u wara amalgamat ruhha mas-socjeta` rikorrenti odjerna John Ripard & Son (Shipping) Limited bil-konsegwenza li s-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited kellha l-obbligi taghha bhala socjeta` assunti mis-socjeta` rikorrenti John Ripard & Son (Shipping) Limited.

Din il-Qorti thoss li bl-ebda mod ma ghandu jigi ndikat fl-okkju dak propost mis-socjeta` rikorrenti John Ripard & Son (Shipping) Limited fis-sens li hija ma ghadhiex tirrapprezenta lil-linja Norasia Lines ghaliex kif qalet din il-Qorti stess fis-sentenza taghha f'din il-kawza datata 11 ta' Novembru 2011 is-socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited ghadha tezisti, ghaliex *"l-amalgazzjoni ta' socjeta` ma' ohra ma jgibx ghall-"mewt" totali tas-socjeta`, izda li wahda tkompli fil-persuna tas-socjeta` l-ohra".* B'hekk it-talba kif kontenuta fir-rikors qed tigi michuda.

Illi dan huwa konsistenti mal-fatt li r-rapprezentanza ma tispiccax sempliciment ghax ikun terminat il-mandat jew ghaliex is-socjeta` ma tibqax agent, ghaliex l-atti mertu tal-kawza odjerna sehhu meta l-istess socjeta' intimata Norasia Agencies (Malta) Limited kienet agent tal-istess linja u ghalhekk hija tibqa' responsabbli fil-veste taghha kif imharrka anke jekk illum b'isem differenti qed tghid li ma ghadhiex agenta tal-istess linja (**"Alfred Calleja v. Carmelo Ellul Sullivan"** – P.A. – 15 ta' Dicembru 2004 – Citaz. Nru. 343/1981).

Ma' dan jizdied jinghad li tali talba giet prezentata bhala wahda ta' korrezzjoni ta' okkju, izda dan kif propost ma jistax isir anke skont id-disposizzjonijiet tal-**Artikolu 175 tal-Kap. 12** ghaliex b'hekk tkun qed tinbidel is-sustanza tal-azzjoni fil-konfront tal-partijiet fil-kawza u dan ma huwiex permess li jsir izjed u izjed fi stadju ta' appell. B'hekk it-talba kif kontenuta f'dak hawn imsejjah bhala t-tieni rikors qed tigi michuda.

Ghall-istess ragunijiet imsemmija moghtija fic-cahda tat-tieni rikors, it-talba kontenuta fl-ewwel rikors ghall-hatra ta' kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw il-linja Norasia Lines, ukoll mhux qed tigi milqugha.

Dan ghaliex ghall-fini ta' din il-kawza, din il-linja Norasia Lines ghada rapprezentata mill-istess socjeta` Norasia Agencies (Malta) Limited li kif inghad kienet biddlet isimha ghal dik ta' N.A. (Malta) Limited u llum giet amalgamata mas-socjeta` rikorrenti John Ripard & Son (Shipping) Limited.

Dan ghalhekk ifisser li ma hemm ebda htiega, li jigu nominati kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-istess linja Norasia Lines. Ghalhekk anke dan ir-rikors qed jigi michud ukoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qed tiddeciedi billi tichad it-talbiet tas-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Limited kontenuti fiz-zewg rikorsi taghha datati rispettivament 26 ta' Marzu 2012.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni ghas-socjeta` John Ripard & Son (Shipping) Limited.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------